



Brussell, 10 ta' Frar 2022
(OR. en)

6140/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0024 (NLE)

MI 100
ECO 11
ENT 16
UNECE 5

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 36 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nri 0, 9, 10, 13, 39, 46, 51, 53, 55, 63, 78, 79, 90, 107, 108, 109, 116, 117, 121, 125, 141, 142, 148, 149, 152, 154, 160, 161, 162 u 163, fir-rigward tal-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar it-tajers bl-istuds, fir-rigward tal-proposta għal Regolament Tekniku Globali (GTR) ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi elettriċi, fir-rigward tal-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.5, fir-rigward tal-proposta għall-awtorizzazzjoni għall-iżvilupp ta' emenda 4 tal-GTR Nru 3 tan-NU, u fir-rigward tal-proposta għall-awtorizzazzjoni biex jiġi żviluppat GTR ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet ta' partikuli tal-brejkijiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 36 final.

Mehmuż: COM(2022) 36 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.2.2022
COM(2022) 36 final

2022/0024 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nri 0, 9, 10, 13, 39, 46, 51, 53, 55, 63, 78, 79, 90, 107, 108, 109, 116, 117, 121, 125, 141, 142, 148, 149, 152, 154, 160, 161, 162 u 163, fir-rigward tal-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar it-tajers bl-istuds, fir-rigward tal-proposta għal Regolament Tekniku Globali (GTR) ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi elettriċi, fir-rigward tal-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.5, fir-rigward tal-proposta għall-awtorizzazzjoni għall-iżvilupp ta' emenda 4 tal-GTR Nru 3 tan-NU, u fir-rigward tal-proposta għall-awtorizzazzjoni biex jiġi żviluppat GTR ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet ta' partikuli tal-brejkijiet

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (WP.29) fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għar-Regolamenti eżistenti tan-NU u ta' emendi għar-Regolamenti Tekniċi Globali eżistenti tan-NU.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim tal-1958 u l-Ftehim tal-1998

L-għan tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ("NU/KEE") li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jintramaw u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim Rivedut tal-1958") u tal-Ftehim li jistabbilixxi r-Regolamenti Tekniċi Globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("il-Ftehim Parallel") huwa li jiżviluppaw rekwiżiti armonizzati maħsubin biex jeliminaw l-ostakli tekniċi għall-kummerċ fil-vetturi bil-mutur bejn il-Partijiet Kontraenti tan-NU/KEE u li jiżguraw li t-tali vetturi joffru livell għoli ta' sikurezza u ta' ħarsien tal-ambjent. Għall-UE, il-Ftehimiet daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998 u fil-15 ta' Frar 2000 rispettivament. It-tnejn li huma jiġu amministrati mill-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE ("il-Grupp ta' Ħidma Nru 29" jew "id-WP.29").

2.2. Il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) - il-Grupp ta' Ħidma Nru 29 jew id-WP. 29

Id-WP.29 joffri qafas uniku għal regolamenti dwar il-vetturi armonizzati fuq livell dinji. Id-WP.29 huwa grupp ta' ħidma permanenti fil-qafas istituzzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti li għandu mandat speċifiku u regoli ta' proċedura. Huwa jaħdem bħala forum globali li jippermetti diskussjonijiet miftuħin dwar ir-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur, u fih tiġi diskussa l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u tal-Ftehim Parallel. Kull pajjiż li huwa membru tan-Nazzjonijiet Uniti u kull organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li l-pajjiżi membri tan-Nazzjonijiet Uniti jwaqqfu jistgħu jieħdu sehem bis-siġh fl-attivitajiet tad-WP.29 u jsiru parti kontraenti tal-Ftehimiet dwar il-vetturi li d-WP.29 jamministra. L-Unjoni Ewropea hija parti għal dawn il-Ftehimiet¹.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffitjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

Il-laqgħat tad-WP.29 tan-NU/KEE jsiru tliet darbiet fis-sena, jiġifieri f'Marzu, f'Ġunju, u f'Novembru. F'kull sessjoni tal-laqgħat jistgħu jiġu adottati Regolamenti ġodda tan-NU, Regolamenti Tekniċi Globali ġodda tan-NU ("GTRs tan-NU"), emendi għar-Regolamenti u għar-Riżoluzzjonijiet eżistenti tan-NU skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 u emendi għall-GTRs u għar-Riżoluzzjonijiet eżistenti tan-NU skont il-Ftehim Parallel, sabiex ikun jista' jsir progress tekniku. Qabel kull laqgħa tad-WP.29, dawn l-emendi l-ewwel jiġu diskussi fil-livell tekniku f'korpi sussidjarji speċjalizzati tad-WP.29.

Wara dan, issir votazzjoni fil-livell tad-WP.29 (jiġifieri b'maġġoranza kwalifikata tal-Partijiet Kontraenti preżenti li jkunu qed jivvutaw għall-proposti marbutin mal-Ftehim Rivedut tal-1958 u b'vot ta' kunsens tal-Partijiet Kontraenti preżenti li jkunu qed jivvutaw għall-proposti marbutin mal-Ftehim Parallel).

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni dwar ir-Regolamenti tan-NU u l-GTRs tan-NU l-ġodda, l-emendi, is-supplimenti u r-rettifiki, u r-Riżoluzzjonijiet tagħhom hija stabbilita qabel kull laqgħa tad-WP.29 b'Deċizzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2.3. L-att previst tad-WP.29

Bejn it-8 u l-11 ta' Marzu 2022, waqt il-186 sessjoni tiegħu, id-WP.29 jista' jadotta l-proposti għall-modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nri 0, 9, 10, 13, 39, 46, 51, 53, 55, 63, 78, 79, 90, 107, 108, 109, 116, 117, 121, 125, 141, 142, 148, 149, 152, 154, 160, 161, 162, u 163, il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar it-tajers bl-istuds, il-proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi elettriċi, il-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.5, il-proposta għall-awtorizzazzjoni għall-iżvilupp ta' emenda 4 tal-GTR tan-NU Nru 3 u l-proposta għall-awtorizzazzjoni għall-iżvilupp ta' GTR ġdid tan-NU u dwar l-emissjonijiet ta' partikuli tal-brejkijiet.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Is-sistema tad-WP.29 issaħħaħ l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards tal-vetturi. Il-Ftehim tal-1958 għandu rwol importanti f'dan l-oġettiv minħabba li l-manifatturi tal-UE jistgħu joperaw skont sett komuni ta' Regolamenti dwar l-approvazzjoni tat-tip bl-għarfien li l-Partijiet Kontraenti se jirrikonossu l-prodott bħala prodott li jikkonforma mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom. Pereżempju, din l-iskema ppermettiet li r-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur iħassar iktar minn 50 Direttiva tal-UE u jissostitwihom bir-Regolamenti korrispondenti żviluppati fil-kuntest tal-Ftehim tal-1958.

Approċċ simili huwa segwit fil-każ tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dan ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 ("ir-Regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġislazzjoni tal-Unjoni.

Ladarba d-WP.29 jadotta l-proposti għal modifiki għal Regolamenti tan-NU jew għal Regolamenti ġodda tan-NU, u ladarba s-Segretarju Eżekuttiv tan-NU/KEE jgħarraf lill-

² Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

Partijiet Kontraenti b'dawn l-atti, jekk il-Partijiet Kontraenti li jikkostitwixxu minoranza li timblokka ma joġġezzjonawx għalihom fi żmien sitt xhur, l-atti jkunu jistgħu finalment jidħlu fis-seħħ u jkunu jistgħu jiġu trasposti fir-regoli nazzjonali applikabbli ta' kull Parti Kontraenti. FI-UE, it-traspożizzjoni titlesta ladarba dawn l-atti jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għalhekk, jeħtieġ li tiġi ddefinita l-pożizzjoni tal-Unjoni b'rabta mal-atti li ġejjin:

- il-proposti għal modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nri 0, 9, 10, 13, 39, 46, 51, 53, 55, 63, 78, 79, 90, 107, 108, 109, 116, 117, 121, 125, 141, 142, 148, 149, 152, 154, 160, 161, 162 u 163, li huma relatati mal-aġġornament tad-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni tat-tip internazzjonali ta' vettura sħiħa, mal-istorbju mill-vetturi bi tliet roti, mal-kompatibbiltà elettromanjetika, mal-ibbrejkjar tal-vetturi tqal, mal-ispidometru, mal-adometru, mal-apparat għall-viżjoni indiretta, mal-istorbju mill-vetturi tal-kategoriji M u N, mal-installazzjoni ta' apparat tad-dawl u tas-sinjalar bid-dawl għall-vetturi tal-kategorija L3, mal-akkoppjament mekkaniku, mal-emissjonijiet tal-ħoss tal-mopeds, mal-ibbrakjar (il-kategorija L tal-vetturi), mat-tagħmir tal-istearing, mal-parts ta' sostituzzjoni tal-brejkijiet, mal-vetturi M2 u M3, mat-tajers b'wiċċ ġdid għal karozzi tal-passiġġiera, mal-vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom, mas-sistemi ta' allarm u ta' kontra s-serq, mar-reżistenza tat-tajers għad-dawrien, l-istorbju tad-dawrien tagħhom u l-qabda tagħhom fuq l-imxarrab, mal-identifikazzjoni tal-kontrolli, mal-indikaturi operatorji u l-indikaturi, mal-kamp viżiv fuq quddiem tas-sewwieq, mas-sistemi tal-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers, mal-installazzjoni tat-tajers, mal-apparat għas-sinjalar bid-dawl, mal-apparat għat-tidwil tat-triq, mas-sistema avvanzata għall-ibbrejkjar f'emerġenza, mal-proċedura internazzjonali ta' testijiet għall-vetturi ħfief, mar-reġistratur tad-data f'każ ta' avveniment, mal-apparat għall-protezzjoni kontra użu mhux awtorizzat, mal-immobilizzaturi, mas-sistemi ta' allarm tal-vetturi;
- il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar it-tajers bl-istuds;
- il-proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi elettriċi; kif ukoll
- il-proposta għal emendi tar-Risoluzzjoni Konsolidata R.E.5;

imressqa għall-votazzjoni waqt il-laqgħa tad-WP.29 ta' Marzu tal-2022 li se ssir bejn it-8 u l-11 ta' Marzu 2022. Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi ddefinita l-pożizzjoni tal-Unjoni b'rabta mal-affarijiet li ġejjin:

- il-proposta għall-awtorizzazzjoni biex tiġi żviluppata emenda 4 tal-GTR Nru 3 tan-NU dwar is-sistemi tal-ibbrejkjar tal-muturi; kif ukoll
- il-proposta għall-awtorizzazzjoni tal-iżvilupp ta' GTR ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet ta' partikuli tal-brejkijiet.

Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-atti msemmijin hawn fuq minħabba li dawn jikkonformaw mal-politika tas-suq intern tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-industrija tal-karozzi u minħabba li huma konsistenti mal-politiki tal-Unjoni dwar it-trasport, dwar il-klima u dwar l-enerġija.

Dawn l-atti kollha għandhom impatt tassew pożittiv fuq il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tal-UE u fuq il-kummerċ internazzjonali tagħha. Il-vot favur dawn l-atti se jippromwovi l-progress teknoloġiku, se joffri vantaġġi f'termini tal-ekonomiji ta' skala, se

jipprevgjeni l-frammentazzjoni tas-suq intern u se jiżgura li l-istandards tal-karozzi jiġu applikati bl-istess mod fl-Unjoni kollha.

Il-proposta għal emendi għar-Regolament tan-NU Nru 117³ (ir-reżistenza tat-tajers għad-dawrien, l-istorbju tad-dawrien tagħhom u l-qabda tagħhom fuq l-imxarrab) mhux se tkun lesta għall-votazzjoni fil-laqgħa tad-WP.29 ta' Marzu tal-2022 u teħtieġ li tiġi diskussa aktar fil-korpi sussidjarji speċjalizzati tad-WP.29 tal-NU/KEE.

L-għarfien espert estern mhuwiex rilevanti fil-każ ta' din il-proposta. Madankollu, din se tiġi eżaminata mill-Kumitat Tekniku dwar il-Vetturi bil-Mutur.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi Deċiżjonijiet li jistabbilixxu “il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta’ regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”⁴.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Id-WP.29 huwa korp li fih il-Partijiet Kontraenti tan-NU/KEE jiddiskutu bejniethom l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u tal-Ftehim Parallel.

L-atti li d-WP.29 qed jintalab jadotta huma atti li għandhom effetti legali.

Ir-Regolamenti tan-NU fl-att previst ikunu jorbtu lill-Unjoni u flimkien mal-GTRs tan-NU u mar-Riżoluzzjonijiet tan-NU jistgħu jinfluwenzaw b’mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn mill-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn

³ Proposta għal serje ta’ emendi 03 għida għar-Regolament Nru 117 tan-NU

⁴ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja v Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

dawn il-miri jew wieħed minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-approssimazzjoni tal-liġijiet. Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 114 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 114 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nri 0, 9, 10, 13, 39, 46, 51, 53, 55, 63, 78, 79, 90, 107, 108, 109, 116, 117, 121, 125, 141, 142, 148, 149, 152, 154, 160, 161, 162 u 163, fir-rigward tal-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar it-tajers bl-istuds, fir-rigward tal-proposta għal Regolament Tekniku Globali (GTR) ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi elettriċi, fir-rigward tal-proposta għal emendi għar-Risoluzzjoni Konsolidata R.E.5, fir-rigward tal-proposta għall-awtorizzazzjoni għall-iżvilupp ta' emenda 4 tal-GTR Nru 3 tan-NU, u fir-rigward tal-proposta għall-awtorizzazzjoni biex jiġi żviluppat GTR ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet ta' partikuli tal-brejkijiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE¹, l-Unjoni aderiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE², l-Unjoni aderiet mal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("il-Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffitjtati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi,

tqegħid fis-suq tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dan ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 (“ir-Regolamenti tan-NU”) fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġislazzjoni tal-Unjoni.

- (4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE (id-WP.29 tan-NU/KEE) jista’ jadotta proposti għal emendi għar-Regolamenti tan-NU, għar-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU (GTRs tan-NU) u għar-Riżoluzzjonijiet tan-NU, kif ukoll proposti għal Regolamenti tan-NU, GTRs tan-NU u Riżoluzzjonijiet tan-NU ġodda li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, skont dawk id-dispożizzjonijiet, id-WP.29 tan-NU/KEE jista’ jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jiġu żviluppati emendi għall-GTRs tan-NU jew biex jiġu żviluppati GTRs ġodda tan-NU u jista’ jadotta proposti għall-estensjoni tal-mandati għall-GTRs tan-NU.
- (5) Id-WP.29 tan-NU/KEE, matul il-186 sessjoni tal-Forum Dinji li se ssir bejn it-8 u l-11 ta’ Marzu 2022, jista’ jadotta l-proposti għal modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nri 0, 9, 10, 13, 39, 46, 51, 53, 55, 63, 78, 79, 90, 107, 108, 109, 116, 117, 121, 125, 141, 142, 148, 149, 152, 154, 160, 161, 162 u 163, il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar it-tajers bl-istuds, il-proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi elettriki u l-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.5. Barra minn hekk, id-WP.29 tan-NU/KEE irid jadotta l-proposta għall-awtorizzazzjoni biex tiġi żviluppata emenda 4 tal-GTR tan-NU Nru 3 dwar is-sistemi tal-ibbrejkjar tal-muturi u l-proposta għall-awtorizzazzjoni biex jiġi żviluppat GTR ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet ta’ partikuli tal-brejkijiet.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fid-WP.29 tan-NU/KEE, fir-rigward tal-adozzjoni ta’ dawk il-proposti, minħabba li r-Regolamenti tan-NU se jorbtu lill-Unjoni u, flimkien mal-GTRs tan-NU u mar-Riżoluzzjonijiet tan-NU, jistgħu jinfluwenzaw b’mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.
- (7) Fid-dawl tal-esperjenza u tal-iżviluppi tekniċi, hemm bżonn li r-rekwiżiti marbutin ma’ ċerti elementi jew karatteristiċi koperti mir-Regolamenti Nri 0, 9, 10, 13, 39, 46, 51, 53, 55, 63, 78, 79, 90, 107, 108, 109, 116, 117, 121, 125, 141, 142, 148, 149, 152, 154, 160, 161, 162 u 163 tan-NU jiġu emendati, korretti, jew issupplimentati.
- (8) Sabiex ikun jista’ jsir progress tekniku u sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-vetturi u titnaqqas l-impronta ambjentali, hemm bżonn li r-Regolament ġdid tan-NU dwar it-tajers bl-istuds u GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi elettriki.
- (9) Barra minn hekk, hemm bżonn li ċerti dispożizzjonijiet fir-Riżoluzzjoni R.E.5 tan-NU dwar l-ispeċifikazzjoni komuni tal-kategoriji tas-sorsi tad-dawl jiġu emendati.

komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-186 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE li se ssir bejn it-8 u l-11 ta' Marzu 2022 għandha tkun li tivvota favur il-proposti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*F'isem il-Kunsill
Il-President*